GOZO
ASSOCIATION FOR THE DEAF
VO/0330

Triq Santa Domenica,
Rabat Għawdex, VCT 9037
Telefon: 21560313
Mowbajl: 79998225
Email: gadngo88@gmail.com
Facebook: Gozo Association for the Deaf

# Newsletter

31 ta' Jannar, 2018 1/2018

## F'DIN IL-ĦARĠA

- Laqgħa annwali ġenerali
- Sessjonijiet tal-PSD – 'L-Aqwa li Niftehmu'
- 'I can understand hearing loss, so I can help'
- Tiġdid tas-sħubija
- Ħinijiet tal-Ftuħ – Skeda Ġdida

## *Laqgħa Annwali Ġenerali (AGM)*




**Data: Is-Sibt 24 ta' Frar, 2018**
**Ħin: 5.00 pm**
**Post: Iċ-Ċentru tal-G.A.D.**

**AĠENDA**

- **Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-aħħar Laqgħa Annwali Ġenerali**
- **Affarijiet li jinqalgħu mill-minuti**
- **Qari u approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv**
- **Qari u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju**
- **Emendi, mozzjonijiet, riżoluzzjonijiet u suġġerimenti**
- **Xoljiment tal-Kumitat**
- **Elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid**
- **Għeluq**
- **Bibita**

Min jixtieq jagħmel xi emenda fl-istatut jew jagħti xi suġġeriment irid jibgħathom bil-miktub fl-indirizz taċ-Ċentru sa mhux aktar tard mill-Ħamis 15 ta' Frar, 2018.

Din id-darba imiss neleġġu Kumitat ġdid. Għalhekk se noħorġu formoli biex jiġu nnominati l-kandidati għal dan il-Kumitat. Dawn il-formoli jinġabru mill-uffiċċju tal-G.A.D. waqt il-ħinijiet tal-ftuħ, u jintbagħtu lura sa mhux iktar tard mis-Sibt 17 ta' Frar, 2018.

## *Sessjonijiet tal-PSD – 'L-Aqwa li Niftehmu'*



Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità t'Għawdex stiednet lill-G.A.D. biex tieħu sehem fil-programm '# Nikbru Flimkien'. Għalhekk il-G.A.D. organizzat sessjonijiet 'L-Aqwa li Niftehmu' li qed isiru fl-iskejjel Primarji t'Għawdex għall-istudenti tas-sitt sena. F'dawn is-sessjonijiet qed nuru modi ta' kif tikkomunika ma' persuni neqsin mis-smigħ u tagħtihom sapport biex ikunu jistgħu jipparteċipaw iktar fil-ħajja ta' kuljum. Dan is-suġġett qanqal ħafna interess fost l-istudenti u kellna rispons tajjeb ħafna. Sa l-aħħar t'April 2018, se nkunu żorna l-iskejjel primarji tal-istat kollha.

## *'I can understand hearing loss, so I can help'*



Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità organizzat seminar fl-iskola Primarja Ta' Sannat fil-ġimgħa ddedikata lill-persuni b'diżabilità. Il-G.A.D. ġiet mistiedna biex tagħmel ħames sessjonijiet bit-titlu **'I can understand hearing loss, so I can help'** lil studenti tas-Sekondarja. Dawn saru t-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2017. Waqt din l-attività l-istudenti saru konxji ta' kif wieħed jisma' meta jkollu ftit nuqqas ta' smigħ  jew inkella moderat jew sever. Ġie spjegat kemm persuni neqsin mis-smigħ jagħmlu użu mill-qari tax-xofftejn biex jifhmu iktar għalkemm dan mhux faċli. Għalhekk ingħataw eżempji ta' x'għandek tagħmel meta titkellem mal-persuna nieqsa mis-smigħ biex tiffaċilita l-qari tax-xofftejn.

## *Tiġdid tas-sħubija*

Nixtiequ nerġgħu nfakkru lill-membri li minn Jannar għandhom iġeddu s-sħubija għas-sena 2018. Il-miżata annwali hija €12 filwaqt li l-*life membership* hija €120. Huwa importanti ħafna li l-membri jippreżentaw il-*membership card* aġġornata kull meta jieħdu servizz mill-G.A.D.

## *Ħinijiet tal-Ftuħ – Skeda Ġdida*



| | |
|---|---|
| **It-Tnejn:** | **4.30 pm  -  5.30 pm** |
| **L-Erbgħa:** | **4.30 pm  -  5.30 pm** |
| **Il-Ġimgħa:** | **4.30 pm  -  5.30 pm** |

Għal appuntament mal-awdjoloġista, ċemplu jew ibagħtu sms lill-G.A.D. waqt il-ħinijiet tal-ftuħ.